Nru. 17,786
Prezz Lm1.60ċ
Price Lm1.60c

# Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
## The Malta Government Gazette

It-Tlieta, 5 ta' Lulju, 2005
Tuesday, 5th July, 2005

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

## NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

**Nru. 683**

**PUBBLIKAZZJONI TA' ATTI FIS-SUPPLIMENT**

HUWA avżat għall-informazzjoni ġenerali illi l-Atti li ġejjin huma ppubblikati fis-Suppliment li jinsab ma' din il-Gazzetta:

ATT Nru. VIII ta' l-2005 imsejjaħ l-Att ta' l-2005 biex jemenda l-Att dwar is-Sħubija ta' Malta fil-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp; u

ATT Nru. IX ta' l-2005 imsejjaħ l-Att ta' l-2005 biex jemenda l-Att dwar il-Bank Ċentrali ta' Malta.

Il-5 ta' Lulju, 2005

**Nru. 684**

**PUBBLIKAZZJONI TA' ABBOZZ TA' LIĠI FIS-SUPPLIMENT**

HUWA avżat għall-informazzjoni ġenerali illi l-Abbozz ta' Liġi li ġej huwa ppubblikat fis-Suppliment li jinsab ma' din il-Gazzetta:

Abbozz ta' Liġi Nru. 49 imsejjaħ l-Att ta' l-2005 li jemenda l-Att dwar il-Liċenzi tal-Kummerċ.

Il-5 ta' Lulju, 2005

## GOVERNMENT NOTICES

**No. 683**

**PUBLICATION OF ACTS IN SUPPLEMENT**

IT is notified for general information that the following Acts are published in the Supplement to this Gazette:

ACT No. VIII of 2005 entitled the Malta Membership of the European Bank for Reconstruction and Development (Amendment) Act, 2005; and

ACT No. IX of 2005 entitled the Central Bank of Malta (Amendment) Act, 2005.

5th July, 2005

**No. 684**

**PUBLICATION OF BILL IN SUPPLEMENT**

IT is notified for general information that the following Bill is published in the Supplement to this Gazette:

Bill No. 49 entitled the Trading Licences (Amendment) Act, 2005.

5th July, 2005

**Nru. 685**

## AVVIŻI LEGALI PPUBBLIKATI FIS-SUPPLIMENT MAL-GAZZETTA TAL-GVERN

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Avviżi Legali li ġejjin ġew ippubblikati fis-Suppliment mal-Gazzetta tal-Gvern Nri. 17,784 u 17,785 tat-28 ta' Ġunju u l-1 ta' Lulju 2005, rispettivament.

A.L. Nru. 236 ta' l-2005: Att ta' l-2004 li jemenda l-Ordinanza dwar il-Kostituzzjoni tal-Kariga ta' Avukat Ġenerali u dik ta' Avukat tar-Repubblika (Att Nru. IV ta' l-2004); Avviż ta' bidu fis-seħħ.

A.L. Nru. 237 ta' l-2005: Att dwar Poteri li Jsiru Regolamenti fl-Interess Nazzjonali (Kap. 365); Regolamenti ta' l-2005 dwar l-Applikazzjoni ta' Salvagwardji li għandhom x'jaqsmu mat-Trattat ta' Non-proliferazzjoni ta' Armi Nukleari.

A.L. Nru. 238 ta' l-2005: *Merchant Shipping Act (Cap. 234); Merchant Shipping (Licensing of Shipping Organisations) Regulations, 2005.*

A.L. Nru. 239 ta' l-2005: Att ta' l-2005 li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Att Nru. VI ta' l-2005); Avviż ta' bidu fis-seħħ.

A.L. Nru. 240 ta' l-2005: Ordinanza dwar Self Lokali *(Stock* u Titoli Reġistrati) (Kap. 161); Direttiva mill-Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi għall-Ħruġ ta' Lm291,400 *Stock* tal-Gvern bis-7%, 2015 (III).

Il-5 ta' Lulju, 2005

**No. 685**

## LEGAL NOTICES PUBLISHED IN THE SUPPLEMENT TO THE GOVERNMENT GAZETTE

IT is notified for general information that the following Legal Notices were published in the Supplement to the Government Gazette Nos. 17,784 and 17,785 of the 28th June and 1st July 2005, respectively.

L.N. No. 236 of 2005: Attorney General and Counsel for the Republic (Constitution of Office) (Amendment) Act, 2004 (Act No. IV of 2004); Commencement notice.

L.N. No. 237 of 2005: National Interest (Enabling Powers) Act (Cap. 365); Treaty on the Non-proliferation of Nuclear Weapons (Application of Safeguards) Regulations, 2005.

L.N. No. 238 of 2005: Merchant Shipping Act (Cap. 234); Merchant Shipping (Licensing of Shipping Organisations) Regulations, 2005.

L.N. No. 239 of 2005: Criminal Code (Amendment) Act, 2005 (Act No. VI of 2005); Commencement notice.

L.N. No. 240 of 2005: Local Loans (Registered Stock and Securities) Ordinance (Cap. 161); Directive by the Prime Minister and Minister of Finance for the issue of Lm291,400 7% Malta Government Stock 2015 (III).

5th July, 2005

**Nru. 686**

## ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR ĠENERALI (DWANA)

IS-SEGRETARJU Permanenti, Ministeru tal-Finanzi approva l-ħatra temporanja li ġejja:–

| ISEM<br>*NAME* | POST<br>*POST* | DIVIŻJONI<br>*DIVISION* | DATA<br>*DATE* |
|---|---|---|---|
| Mr J Brincat | Direttur Ġenerali<br>*Director General* | Dwana<br>*Customs* | 5 – 7.07.2005 |

Il-5 ta' Lulju, 2005

**No. 686**

## APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR GENERAL (CUSTOMS)

THE Permanent Secretary, Ministry of Finance, has approved the following acting appointment:–

5th July, 2005

**Nru. 687**

**ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR ĠENERALI (SAĦĦA)**

IS-SEGRETARJU Permanenti, Ministeru tas-Saħħa approva l-ħatra temporanja li ġejja:–

| ISEM<br>*NAME* | POST<br>*POST* | DIVIŻJONI<br>*DIVISION* | DATA<br>*DATE* |
|---|---|---|---|
| Dr J.M. Cachia | Direttur Ġenerali<br>*Director General* | Saħħa<br>*Health* | 13 – 26.07.2005 |

Il-5 ta' Lulju, 2005

**No. 687**

**APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR GENERAL (HEALTH)**

THE Permanent Secretary, Ministry of Health, has approved the following acting appointment:–

5th July, 2005

**Nru. 688**

**ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR ĠENERALI (KUMMERĊ)**

IS-SEGRETARJU Permanenti fil-Ministeru għall-Kompetittività u l-Komunikazzjoni, approva l-ħatra temporanja li ġejja:–

| ISEM<br>*NAME* | POST<br>*POST* | DIVIŻJONI<br>*DIVISION* | DATA<br>*DATE* |
|---|---|---|---|
| Noel Bartolo | Direttur Ġenerali<br>*Director General* | Kummerċ<br>*Commerce* | 4 – 8.07.2005 |

Il-5 ta' Lulju, 2005

**No. 688**

**APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR GENERAL (COMMERCE)**

THE Permanent Secretary in the Ministry for Competitiveness and Communications, has approved the following acting appointment:–

5th July, 2005

**Nru. 689**

**ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR ĠENERALI (DIVIŻJONI GĦALL-KOMPETITTIVITÀ U KOMUNIKAZZJONI)**

IS-SEGRETARJU Permanenti, Ministeru għall-Kompetittività u l-Komunikazzjoni, approva l-ħatra temporanja li ġejja:–

| ISEM<br>*NAME* | POST<br>*POST* | DIVIŻJONI<br>*DIVISION* | DATA<br>*DATE* |
|---|---|---|---|
| Godwin Mangion | Direttur Ġenerali<br>*Director General* | Konsumatur u Kompetizzjoni<br>*Consumer and Competition* | 4 – 7.07.2005 |

Il-5 ta' Lulju, 2005

**No. 689**

**APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR GENERAL (CONSUMER AND COMPETITION DIVISION)**

THE Permanent Secretary, Ministry for Competitiveness and Communications, has approved the following acting appointment:–

5th July, 2005

**Nru. 690**

**ATT DWAR IL-LIĊENZI TAL-KUMMERĊ (KAP. 441)**

**Regolamenti dwar il-Liċenzi tal-Kummerċ 2002**

SKOND id-dispożizzjonijiet tar-regolament 8 tar-Regolamenti dwar il-Liċenzi tal-Kummerċ 2002, id-Diviżjoni għall-Kummerċ (Sezzjoni għal Liċenzar tal-Kummerċ) qiegħda hawnhekk tippubblika avviżi ta' l-applikazzjonijiet li ġejjin:

| Nru. tar-Riferenza<br>*Reference No.* | Isem ta' l-Applikant<br>*Name of Applicant* | Indirizz tal-Post Kummerċjali<br>*Address of the Commercial Premises* | Attività Kummerċjali<br>*Commercial Activity* | Kodiċi tal-Klassi<br>*Type Code* | Data<br>*Date* |
|---|---|---|---|---|---|
| CD/3209/2005 Pt 209 | Stephen Micallef | C.P.S. Stores<br>18, Triq Pawlu Mifsud<br>Żebbuġ, Malta | Kategorija I - Proċessar, manifattura u bejgħ ta' prodotti ta' ikel u xorb<br>*Category I - Processing, manufacturing and sale of food products and beverages* | 52.11<br>52.21<br>55.52 | 02.06.05 |
| CD/3209/2005 Pt 232 | Rita Sant | Leo<br>Triq l-Imsell<br>San Pawl il-Baħar | Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut<br>*Category III - Wholesale and retail trade* | 52.48.11 | 30.06.05 |
| CD/3209/2005 Pt 233 | Martin Vella | Under Coralle<br>Triq Daniel Sammut<br>Lija | Kategorija VI - Servizzi soċjali u personali<br>*Category VI - Social and personal services* | 93.05 | 23.06.05 |
| CD/3209/2005 Pt 234 | Tonio Schembri | Mikasa Beauty Salon<br>Triq it-Tamar<br>Buġibba, San Pawl il-Baħar | Kategorija VI - Servizzi soċjali u personali<br>*Category VI - Social and personal services* | 93.022 | 24.06.05 |
| CD/3209/2005 Pt 236 | Julie Bonello | Cosmopolitan<br>5, Triq N. Tomasucci<br>Birkirkara | Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut<br>*Category III - Wholesale and retail trade* | 52.47<br>52.48.13 | 28.06.05 |

Kull persuna li għandha interess, tista' tagħmel oġġezzjonijiet jew ilmenti kontra l-għoti ta' liċenza fuq kwistjonijiet ta' kummerċ biss. Kull oġġezzjoni jew ilment għandu jingħata bil-miktub lid-Diviżjoni għal-Kummerċ (Sezzjoni Liċenzi tal-Kummerċ), Direttorat għas-Servizzi tal-Kummerċ, Diviżjoni għall-Kummerċ, Lascaris, Valletta, fi żmien għaxart ijiem mid-data li tidher hawn taħt.

Il-5 ta' Lulju, 2005

**No. 690**

**TRADING LICENCES ACT (CAP. 441)**

**Trading Licences Regulations 2002**

IN terms of regulation 8 of the Trading Licences Regulations 2002, the Commerce Division (Trade Licensing Unit) is hereby publishing a notice of the following applications:

Any person showing an interest may file an objection or make representations against the grant of this licence only on trade issues. Such objections or representation may be filed in writing at the Commerce Division (Trading Licences Unit), Trade Services Directorate, Commerce Division, Lascaris, Valletta, within ten days from the date shown below.

5th July, 2005

**Nru. 691**

**KUMITAT KONSULTATTIV TA' MIN JUŻA L-PORTIJIET**

SKOND l-Artikolu 12 ta' l-Att ta' l-1991 dwar l-Awtorità Marittima ta' Malta, il-Ministru għall-Kompetittività u Komunikazzjoni approva l-ħatra tas-Sur Wilfred Kenely bħala membru tal-Kumitat Konsultattiv ta' Min Juża l-Portijiet, flok is-Sur Edwin Calleja.

Il-5 ta' Lulju, 2005

**No. 691**

**PORT USERS' ADVISORY COMMITTEE**

IN terms of Article 12 of the Malta Maritime Authority Act, 1991, the Minister for Competitiveness and Communications has approved the appointment of Mr Wilfred Kenely as a member of the Port Users' Advisory Committee, instead of Mr Edwin Calleja.

5th July, 2005

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

**Nru. 62**

Bis-saħħa ta' l-artikolu 52 (1) ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan ma jkunux jistgħu jgħaddu jew jipparkjaw fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

**Il-Kalkara**

Nhar l-Erbgħa, is-6 ta' Lulju, 2005 mis-6.30 p.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: Rinella, Patist Borda, is-Salvatur, Luigi Pisani, is-Sienja, Patri Mattew Sultana, Giovanni Ricasoli, Gianni Raymondo, Santa Filumena u Pjazza Sagra Familja.

Nhar il-Ħamis, is-7 ta' Lulju, 2005 mis-6.30 p.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: Pjazza Arċisqof Gonzi, il-Kapuċċini, il-Ġir, is-Sienja, San Mikiel u Rinella.

Nhar il-Ġimgħa, it-8 ta' Lulju, 2005 mis-6.30 p.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: Rinella, is-Sibi, il-Luqqata, is-Sienja, Giovanni Ricasoli, Gianni Raymondo, San Lawrenz, il-Kapuċċini u Misraħ Arċisqof Gonzi.

Nhar is-Sibt, id-9 ta' Lulju, 2005 mis-6.00 p.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: Pjazza Arċisqof Gonzi, Rinella, San Mikiel, is-Sienja, is-Salvatur, Patist Borda, ix-Xatt, San Lawrenz u l-Kapuċċini.

Nhar il-Ħadd, l-10 ta' Lulju, 2005 mit-8.30 a.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: Rinella, is-Sibi, il-Luqqata, is-

POLICE NOTICE

**No. 62**

In virtue of section 52 (1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65) the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder is prohibited on the dates and times indicated.

**Kalkara**

On Wednesday, 6th July, 2005 from 6.30 p.m. onwards through the following streets: Rinella, Patist Borda, is-Salvatur, Luigi Pisani, is-Sienja, Patri Mattew Sultana, Giovanni Ricasoli, Gianni Raymondo, Santa Filumena and Pjazza Sagra Familja.

On Thursday, 7th July, 2005 from 6.30 p.m. onwards through the following streets: Pjazza Arċisqof Gonzi, il-Kapuċċini, il-Ġir, is-Sienja, San Mikiel and Rinella.

On Friday, 8th July, 2005 from 6.30 p.m. onwards through the following streets: Rinella, is-Sibi, il-Luqqata, is-Sienja, Giovanni Ricasoli, Gianni Raymondo, San Lawrenz, il-Kapuċċini and Misraħ Arċisqof Gonzi.

On Saturday, 9th July, 2005 from 6.00 p.m. onwards through the following streets: Pjazza Arċisqof Gonzi, ir-Rinella, San Mikiel, is-Sienja, is-Salvatur, Patist Borda, ix-Xatt, San Lawrenz and il-Kapuċċini.

On Sunday, 10th July, 2005 from 8.30 a.m. onwards through the following streets: Rinella, is-Sibi, il-Luqqata, is-

Sienja, San Mikiel, Patist Borda, is-Salvatur, Pjazza Arċisqof Gonzi u x-Xatt.

Nhar il-Ħadd, l-10 ta' Lulju, 2005 mill-5.00 p.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: Rinella u Misraħ Arċisqof Gonzi.

Il-vetturi li jiksru dan l-avviż jistgħu jiġu rmunkati.

**Ir-Rabat, Għawdex**

Nhar it-Tlieta, it-12 ta' Lulju mis-6.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: l-inħawi tal-bandli Taċ-Ċawla, Dott. A. Tabone, il-31 ta' Marzu, Ġuże Ellul Mercer, Enrico Mizzi, Pjazza San Franġisk, il-Palma, ir-Repubblika, Pjazza Indipendenza, San Ġużepp u Pjazza San Ġorġ.

Nhar l-Erbgħa, it-13 ta' Lulju, 2005 mid-9.00 a.m. mit-toroq li ġejjin: ir-Repubblika u Enrico Mizzi.

Nhar l-Erbgħa, it-13 ta' Lulju, 2005 mid-9.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: Għajn Qatet, Pjazza San Franġisk, l-Arċisqof P. Pace, il-Palma, ir-Repubblika, Pjazza Indipendenza, San Ġużepp u Pjazza San Ġorġ.

Nhar il-Ħamis, l-14 ta' Lulju, 2005 mid-9.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: Pjazza San Ġorġ, San Ġorġ, il-Librerija, Alphonse M. Hili, P.A. Xerri, il-Karita, Mons. G. Farrugia, il-Palma, Sant Indrija, Pjazza San Franġisk, ir-Repubblika, Pjazza Indipendenza u San Ġużepp.

Nhar il-Ġimgħa, il-15 ta' Lulju, 2005 mid-9.00 a.m. minn Triq ir-Repubblika.

Nhar il-Ġimgħa, il-15 ta' Lulju, 2005 mid-9.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: Pjazza San Ġorġ, San Ġużepp, Pjazza Indipendenza, Pjazza Sabina, Santa Marija, il-Librerija, Tomba, Vajringa, ir-Repubblika, Pjazza Indipendenza, Pjazza San Franġisk u l-Palma.

Nhar is-Sibt, is-16 ta' Lulju, 2005 mid-9.00 a.m. mit-toroq li ġejjin: Pjazza San Franġisk, Pjazza San Ġorġ, San Ġużepp, Pjazza Indipendenza, ir-Repubblika sa l-Astra.

Nhar is-Sibt, is-16 ta' Lulju, 2005 mis-6.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: Pjazza San Ġorġ, San Ġużepp, Pjazza Indipendenza, ir-Repubblika sa l-Astra.

Sienja, San Mikiel, Patist Borda, is-Salvatur, Pjazza Arċisqof Gonzi and ix-Xatt.

On Sunday, 10th July, 2005 from 5.00 p.m. onwards through the following streets: Rinella and Misraħ Arċisqof Gonzi.

Vehicles found in contravention of this notice are liable to be towed.

**Victoria, Gozo**

On Tuesday, 12th July, 2005 from 6.00 p.m. through the following streets: Taċ-Ċawla playing field area, Dott. A Tabone, il-31 ta' Marzu, Ġuże Ellul Mercer, Enrico Mizzi, Pjazza San Franġisk, il-Palma, ir-Repubblika, Pjazza Indipendenza, San Ġużepp and Pjazza San Ġorġ.

On Wednesday, 13th July, 2005 from 9.00 a.m. through the following streeets: ir-Repubblika and Enrico Mizzi.

On Wednesday, 13th July, 2005 from 9.00 p.m. through the following streets: Għajn Qatet, Pjazza San Franġisk, l-Arċisqof P. Pace, il-Palma, ir-Repubblika, Pjazza Indipendenza, San Ġużepp and Pjazza San Ġorġ.

On Thursday, 14th July, 2005 from 9.00 p.m. through the following streets: Pjazza San Ġorġ, San Ġorġ, il-Librerija, Alphonse M. Hili, P.A. Xerri, il-Karita, Mons. G. Farrugia, il-Palma, Sant Indrija, Pjazza San Franġisk, ir-Repubblika, Pjazza Indipendenza and San Ġużepp.

On Friday, 15th July, 2005 from 9.00 a.m. through Triq ir-Repubblika.

On Friday, 15th July, 2005 from 9.00 p.m. through the following streets: Pjazza San Ġorġ, San Ġużepp, Pjazza Indipendenza, Pjazza Sabina, Santa Marija, il-Librerija, Tomba, Vajringa, ir-Repubblika, Pjazza Indipendenza, Pjazza San Franġisk and il-Palma.

On Saturday, 16th July, 2005 from 9.00 a.m. through the following streets: Pjazza San Franġisk, Pjazza San Ġorġ, San Ġużepp, Pjazza Indipendenza, ir-Repubblika up to Astra.

On Saturday, 16th July, 2005 from 6.00 p.m. through the following streets: Pjazza San Ġorġ, San Ġużepp, Pjazza Indipendenza, ir-Repubblika up to Astra.

Nhar is-Sibt, is-16 ta' Lulju, 2005 mis-7.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: Pjazza San Ġorġ, San Ġużepp, Pjazza Indipendenza, ir-Repubblika, il-Palma u Pjazza San Franġisk.

Nhar il-Ħadd, is-17 ta' Lulju, 2005 mill-11.00 a.m. mit-toroq li ġejjin: ir-Repubblika, Pjazza Indipendenza, San Ġużepp, Pjazza San Ġorġ, Pjazza San Franġisk, Pjazza Sabina, Santa Marija, il-Librerija, Pjazza Santu Wistin, Vajringa, il-Palma u Fortunato Mizzi.

Huwa pprojbit l-ipparkjar fit-toroq imsemmija hawn fuq u vetturi pparkjati hemm jiġu rmunkati.

Il-5 ta' Lulju, 2005

On Saturday, 16th July, 2005 from 7.00 p.m. through the following streets: Pjazza San Ġorġ, San Ġużepp, Pjazza Indipendenza, ir-Repubblika, il-Palma and Pjazza San Franġisk.

On Sunday, 17th July, 2005 from 11.00 a.m. through the following streets: ir-Repubblika, Pjazza Indipendenza, San Ġużepp, Pjazza San Ġorġ, Pjazza San Franġisk, Pjazza Sabina, Santa Marija, il-Librerija, Pjazza Santu Wistin, Vajringa, il-Palma and Fortunato Mizzi.

The parking of vehicles along the above mentioned streets, is also prohibited and vehicles found parked there will be towed.

5th July, 2005

AWTORITÀ MARITTIMA TA' MALTA

**Avviż lill-Baħħara Nru. 34 ta' l-2005**

*Stħarriġ dwar is-Sajd fl-Ibħra Maltin*

Se jkun hemm sensiela ta' Stħarriġ dwar Sajd/Tkarkir fl-Ibħra Maltin bejn il-11 ta' Lulju 2005 u t-13 ta' Ottubru 2005.

Dawn se jkunu jikkonsistu f'dan li ġej:

1. Stħarriġ dwar it-TKARKIR GĦALL-QIEGĦ

Il-bastiment tas-sajd Taljan "S ANNA" Numru ta' Reġistrazzjoni MV 0292 se jwettaq l-istħarriġ imsemmi hawn fuq bejn il-11 ta' Lulju 2005 u s-26 ta' Lulju 2005.

2. Stħarriġ ICHTYOPLANKTON

Il-bastiment ta' riċerka "URANIA" Numru ta' Reġistrazzjoni MV 1815 se jwettaq l-istħarriġ imsemmi hawn fuq bejn is-27 ta' Lulju 2005 u t-12 ta' Awissu 2005.

3. Stħarriġ ECHO 2005

Il-bastiment ta' riċerka "G. DALLA PORTA" Numru ta' Reġistrazzjoni MV 4571 se jwettaq l-istħarriġ imsemmi hawn fuq bejn it-2 ta' Ottubru 2005 u t-13 ta' Ottubru 2005.

Il-baħħara huma mitluba biex jikkunsidraw dawn imsemmija hawn fuq u jżommu 'l bogħod minnhom meta jilmħuhom.

Il-5 ta' Lulju, 2005

MALTA MARITIME AUTHORITY

**Notice to Mariners No. 34 of 2005**

*Fishing Surveys Around the Maltese Waters*

A series of Fishing/Trawling Surveys will be conducted in the Maltese Waters between 11th July 2005 and 13th October 2005.

These will consist of the following:

1. BOTTOM TRAWL Survey

The Italian fishing vessel "S ANNA" Registration Number MV 0292 will be conducting the above survey between 11th July 2005 and 26th July 2005.

2. ICHTYOPLANKTON Survey

The research vessel "URANIA" Registration Number 1815 will be conducting the above survey between 27th July 2005 and 12th August 2005.

3. ECHO Survey 2005

The research vessel "G. DALLA PORTA" Registration Number 4571 will be conducting the above survey between 2nd October 2005 and 13th October 2005.

Mariners are requested to note the above and give a wide Berth when sighted.

5th July, 2005

BORD TAL-KOPERATTIVI

**(Att Nru. XXX ta' l-2001 dwar Soċjetajiet Koperattivi)**

**Statut Emendat**

**Ordni Nru. 23**

Ngħarrfu b'dan illi l-istatut tal-"Co-operative Services (Travel, Minibuses and Maintenance) Limited" ġie aġġornat u konformi mal-liġi tal-koperattivi, Att Numru XXX ta' l-2001.

Il-Bord tal-Koperattivi approva dan l-istatut u l-emenda ta' regola numru 6 (h) fit-12 ta' Novembru 2004.

Is-Sur Mario Falzon
*A/Chairperson*
Bord tal-Koperattivi

It-12 ta' Novembru, 2004
CB 34/79/25

CO-OPERATIVES BOARD

**(Co-operative Societies Act No. XXX of 2001)**

**Amended Statute**

**Order No. 23**

It is hereby notified that the statute of "Co-operative Services (Travel, Minibuses and Maintenance) Limited" has been updated and is in conformity with the co-operatives' law, Act Number XXX of 2001.

The Co-operatives Board has approved the statute and the amendmenet of rule number 6 (h) on the 12th November 2004.

Mr Mario Falzon
*A/Chairperson*
Co-operatives Board

12th November, 2004

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

**Postijiet ta' *Senior Registrar* (*Orthopaedics*) fid-Diviżjoni tas-Saħħa fil-Ministeru tas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità**

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet mingħand *Medical Practitioners* bi kwalifiki adatt u b'esperjenza għall-postijiet ta' *Senior Registrar (Orthopaedics*) fid-Diviżjoni tas-Saħħa fil-Ministeru tas-Saħħa, Anzjani u Kura fil-Komunità.

2. Il-post ta' *Senior Registrar* (*Orthopaedics*) għandu salarju ta' Lm7,521 fis-sena li jiżdied b'Lm275 fis-sena sa massimu ta' Lm9,171 (Skala ta' Salarju Nru. 5).

3.1 Il-ħatra, li tkun bi prova għal sena, hija fuq bażi *full-time* u taqa' taħt ir-regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, u fid-Diviżjoni tas-Saħħa. Il-persuna nominata tista' tiġi trasferita skond l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku.

3.2. Il-persuna nominata tkun meħtieġa li taħdem skond *roster* stabbilit li jinkludi *night duty*. Sigħat ta' xogħol 'il fuq minn erbgħin (40) siegħa fil-ġimgħa u xogħol fil-Ħdud u btajjel pubbliċi jithallsu b'remunerazzjoni addizzjonali skond ir-rati approvati.

3.3. Il-persuna nominata tkun intitolata għall-benefiċċji l-oħra u tkun suġġetta għall-kundizzjonijiet u obbligi li huma mniżżlin fi kwalunkwe ftehim rilevanti li japplika bejn il-Gvern u l-*Union* kompetenti.

PUBLIC SERVICE COMMISSION

**Posts of Senior Registrar (Orthopaedics) in the Health Division in the Ministry of Health, the Elderly and Community Care**

The Public Service Commission invites applications from duly qualified and experienced Medical Practitioners for the posts of Senior Registrar (Orthopaedics) in the Health Division in the Ministry of Health, The Elderly and Community Care.

2. The post of Senior Registrar (Orthopaedics) carries a salary of Lm7,521 per annum rising by annual increments of Lm275 up to a maximum of Lm9,171 (Salary Scale 5).

3.1. The appointment, which is subject to a probationary period of one year is on a full-time basis and is subject to the rules governing from time to time the Malta Public Service and the Health Division. It involves liability to transfer according to the exigencies of the Malta Public Service.

3.2. The appointee will be required to work in accordance with an established roster which will include night duty. Additional remuneration will be paid at the approved rates for hours worked in excess of fourty (40) per week and for work performed on Sundays and public holidays.

3.3. The appointee will be entitled to such other benefits and subject to such other conditions and obligations as may be stipulated in any pertinent agreement between the Government and the competent Union.

4. Il-persuna nominata titħalla teżerċita l-professjoni tagħha privatament kemm il-darba:

(a) dan isir strettament barra mill-ħinijiet uffiċjali tax-xogħol tagħha; u

(b) dan ma jfixkilx jew ma jmurx kontra d-dmirijiet uffiċjali tagħha jew l-esiġenzi tas-servizz.

5.1. Il-persuna nominata tkun meħtieġa li tassisti lill-*Consultant Orthopaedic Surgeon* fit-tmexxija ġenerali tal-pazjenti.

5.2. Il-persuna nominata trid tkun kapaċi tieħu ħsieb problemi ħfief ġenerali ta' l-Ortopedija u tkun familjari ma' *Orthopaedic Techniques* iktar avvanzati inkluż *joint replacement, arthoplasty u arthroscopy*. Trid tkun taf ukoll tieħu ħsieb *acute orthopaedic trauma* u tkun taf tieħu ħsieb emerġenzi akuti.

5.3. Il-persuna nominata trid taħdem skond *roster* stabbilit u trid tmexxi t-tobba li jkunu xogħol ta' l-għassa fl-ortopedija. Tkun trid tieħu d-deċiżjonijiet meħtieġa dwar it-tmexxija ortopedika tal-pazjenti u tirreferi għall-Konsulent imsejjaħ għall-parir u direzzjoni skond kif ikun meħtieġ u xieraq.

5.4. Il-persuna nominata tkun meħtieġa tieħu sehem fil-programmi ta' tagħlim ta' studenti ta' qabel u ta' wara l-gradwazzjoni organiżżati mid-Dipartiment ta' l-Ortopedija kif meħtieġ u tinvolvi ruħha fi programmi kontinwi ta' riċerka.

5.5. Il-persuna nominata tkun responsabbli lejn il-Konsulent immedjat tagħha u fl-aħħarnet lejn iċ-*Chairman*, Dipartiment ta' l-Ortopedija u tkun soġġetta għal xi reviżjoni ta' dmirijiet kif ikun meħtieġ minn żmien għal żmien.

5.6. Il-persuna nominata trid tistabbilixxi mekkaniżmu xieraq biex tassigura kwalità tas-servizzi u verifika medika.

5.7. Il-persuna nominata tkun trid tagħmel użu mis-sistemi ta' Teknoloġija Informatika li jkunu qed jintużaw fid-Diviżjoni tas-Saħħa.

6. L-applikanti għandhom:-

(a) (i) ikunu ċittadini ta' Malta; jew
(ii) ċittadini ta' Stat ieħor Membru ta' l-Unjoni Ewropea; jew
(iii) ċittadini ta' pajjiżi oħra li għalihom japplikaw id-disposizzjonijiet ta' l-UE dwar il-moviment ħieles tal-persuni* ; jew
(iv) il-konjugi ta', u tfal taħt il-21 sena ta' jew li jiddependu fuq, dawk il-persuni msemmija f'(i), (ii) u (iii) hawn fuq u li huma residenti f'Malta.

4. The appointee will be allowed to undertake private practice of his/her profession provided that:

a) it is carried out strictly outside official hours of work; and

b) it does not interfere or conflict with his/her official duties or with the exigencies of the service.

5.1. The appointee will be required to assist the Consultant Orthopaedic Surgeon in the overall management of patients.

5.2. The appointee should be able to deal with basic general orthopaedic problems and be familiar with more advanced orthopaedic techniques, including joint replacement, arthoplasty and arthroscopy. He/She should also be able to deal with acute orthopaedic trauma and be able to take care of acute emergencies.

5.3. The appointee will perform duties according to established roster and will lead the orthopaedic team on duty. He/She will take all the relevant decisions involving orthopaedic management of patients and will refer to the Consultant "on call" for advice and direction as necessary and appropriate.

5.4. The appointee will be required to participate in any teaching or training programme for undergraduates or postgraduates organized by the Department of Orthopaedics and to involve himself/herself in on-going research programmes.

5.5. The appointee will be responsible to his/her immediate Consultant and ultimately to the Chairman, Department of Orthopaedics, and his/her duties will be subject to any review as necessary from time to time.

5.6. The appointee shall establish appropriate mechanisms to ensure quality of services and medical audit.

5.7. The appointee will be required to make use of the Information Technology systems which may be in operation within the Health Division.

6. Applicants must:-

(a) (i) be citizens of Malta; or
(ii) citizens of another European Union Member State; or

(iii) citizens of other countries to which the EU provisions on free movement of persons apply* ; or

(iv) the spouse of, and children under 21 years of age of or who depend on, any person who is mentioned at (i), (ii) and (iii) above and who resides in Malta.

L-eliġibbilità tal-kandidati msemmija f'(ii), (iii) u (iv) hawn fuq hija suġġetta għall-kundizzjoni li jiksbu *work permit*.

(b) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-Lingwa Maltija u bil-Lingwa Ingliża;

(ċ) ikollhom liċenza biex jipprattikaw il-Professjoni Medika f'Malta;

(d) ikollhom kwalifika oġħla ta' wara l-gradwazzjoni fl-Ortopedija (FRCS jew kwalifika adatta komparabbli) u tliet snin wara r-reġistrazzjoni ta' l-esperjenza fl-ispeċjalità ta' l-Ortopedija wara li jiksbu din il-kwalifika msemmija hawn fuq;

(e) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġa qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta għandhom jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form* (GP 47);dawk li japplikaw minn barra s-servizz għandhom jippreżentaw ċertifikat riċenti tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew Awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' l-għeluq ta' din is-sejħa, kif ukoll jgħidu jekk qatt kinux jaħdmu mal-Gvern u jagħtu dettalji)

7.1. Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skond l-Artkolu 7 ta' l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413) anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibbilità għall-post. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil min-naħa tal-*Management and Personnel Office* u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

7.2. Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eligibbilità u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lid-Diviżjoni tas-Saħħa u tkun ikkuppjata lill-KNPD.

8. Il-kwalifiki u l-esperjenza li persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji għandhom jintbagħtu ma' l-applikazzjoni, dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

9.1 Bord ta' Għażla jintervista l-applikanti li jkunu eliġibbli biex jitqies min ikun addattat għall-post.

9.2 Oġġezzjonijiet għar-riżultat skond Sezzjoni 1.1.10 tal-*Public Service Management Code* għandhom jiġu sottomessi fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tar-riżultat.

The eligibility of candidates referred to at (ii), (iii) and (iv) above is subject to their obtaining a work permit.

(b) have the ability to communicate in the Maltese and English Languages;

(c) be in possession of a Licence to practise the Medical Profession in Malta;

(d) be in possession of a higher postgraduate qualification in Orthopaedics (e.g. FRCS or an approved appropriate comparable qualification) and three years postregistration experience in the speciality of Orthopaedics following the attainment of the above-mentioned qualification;

(e) be of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP47); Those applying from outside the service must produce a recent certificate of conduct issued by the Police or other competent Authority not earlier than six (6) months from the closing date of this call for applications and state whether they have ever been in Government Service giving details).

7.1. Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Section 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act,(Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this post provided they can carry out, in essence, the duties related to the post and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

7.2. Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given by the applicant to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the Health Division and copied to the NCPD.

8. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with applications, originals to be produced for verification at the interview).

9.1 Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the post.

9.2 Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.10 of the Public Service Management Code should be submitted within ten (10) working days from the date of the result.

10. L-applikanti magħżula jkunu jridu joqogħdu għal eżami mediku biex jiġi aċċertat li huma adatti għal dan il-post.

11. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites*:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf
http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm#employment

jew jinkisbu mid-Diviżjoni tas-Saħħa, Taqsima ta' l-Impjegati, 6, Sqaq Harper, Floriana.

12. L-applikazzjonijiet flimkien ma' *curriculum vitae* u l-ismijiet ta' żewġ *referees* jintlaqgħu primarjament mid-Direttur Ġenerali tas-Saħħa, 15, Triq il-Merkanti, Valletta, sa mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, id-29 ta' Lulju 2005.

13. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew ta' xi messaġġ ieħor simili sad-data ta' l-għeluq jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant trid tasal għand id-Diviżjoni mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. In-numru tal-*fax* tad-Diviżjoni riċeventi hu +356-21242884.

14. Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal sad-Diviżjoni. Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu reġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data ta' l-għeluq. Id-Diviżjoni tas-Saħħa tibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

* F'każ ta' diffikultà l-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin għandu jiġi kkonsultat dwar dawk il-pajjiżi li għalihom japplikaw id-disposizzjonijiet ta' l-UE.

Il-5 ta' Lulju, 2005

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

**Post ta' *Senior Registrar (Dentistry)* fid-Diviżjoni tas-Saħħa fil-Ministeru tas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità**

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet mingħand dentisti għall-post ta' *Senior Registrar (Dentistry)* fid-Diviżjoni tas-Saħħa.

2. Il-post ta' *Senior Registrar (Dentistry)* għandu salarju ta' Lm7,521 fis-sena li jiżdied b'Lm275 fis-sena sa massimu ta' Lm9,171 (Skala ta' Salarju Nru. 5).

3. Il-ħatra, li tkun bi prova għal sena, hija *full-time* u taqa' taħt ir-regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien

10. The selected applicants will be medically examined to ascertain that they are fit for the post.

11. Application forms may either be downloaded from the following websites:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf
http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm#employment

or obtained from the Health Division, Personnel Section, 6, Harper Lane, Floriana.

12. The prescribed application forms together with a curriculum vitae and the names of two referees will be received in the first instance by the Director General, Health, 15, Merchants Street, Valletta, by not later than noon of Friday, 29th July 2005.

13. Applications received from abroad through a fax or other similar message by the closing date may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Division by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The fax number of the receiving Division is +356 - 21242884.

14. Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Division and a receipt will be given in hand at the time of delivery. Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above dead line. The applications will be acknowledged in writing by the Division within seven days.

* In case of difficulty the Ministry of Foreign Affairs is to be consulted regarding the countries to which EU provisions apply.

5th July, 2005

PUBLIC SERVICE COMMISSION

**Post of Senior Registrar (Dentistry) in the Health Division in the Ministry of Health, the Elderly and Community Care**

The Public Service Commission invites applications from dentists for the post of Senior Registrar (Dentistry) in the Health Division.

2. The post of Senior Registrar (Dentistry) carries a salary of Lm7,521 per annum rising by annual increments of Lm275 up to a maximum of Lm9,171 (Salary Scale 5).

3.1. The appointment, which is subject to a probationary period of one year is on a full-time basis and is subject to the

fis-Servizz Pubbliku ta' Malta u fid-Diviżjoni tas-Saħħa. Il-persuna nominata tista' tiġi trasferita skond l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku ta' Malta.

3.2. Il-persuna nominata tkun meħtieġa li taħdem skond *roster* stabbilit li jinkludi *night duty*. Sigħat ta' xogħol 'il fuq minn erbgħin (40) siegħa fil-ġimgħa u xogħol fil-Ħdud u btajjel pubbliċi jitħallsu b'remunerazzjoni addizzjonali skond ir-rati approvati.

3.3. Il-persuna nominata tkun intitolata għall-benefiċċji l-oħra u suġġetta għall-kundizzjonijiet u obbligi li huma mniżżlin fi kwalunkwe ftehim rilevanti li japplika bejn il-Gvern u l-*Union* kompetenti.

4. Il-persuna nominata titħalla teżerċita l-professjoni tagħha privatament kemm-il darba:

a) dan isir strettament barra mill-ħinijiet uffiċjali tax-xogħol tagħha; u

b) dan ma jfixkilx jew ma jmurx kontra d-dmirijiet uffiċjali tagħha jew l-esiġenzi tas-servizz.

5.1. Il-persuna nominata tifforma parti mid-Dipartiment tad-Dentistrija u taqa' taħt iċ-*Chairman* u l-konsulenti tad-Dipartiment tad-Dentistrija. Hija tkun mistennija li tieħu sehem fl-attivitajiet u fil-programmi tat-tagħlim u taħriġ tad-Dipartiment tad-Dentistrija kif meħtieġ.

5.2. Il-persuna nominata tkun trid tagħti sehmha fil-kura tal-pazjenti mibgħuta minn postijiet oħra fejn jingħata servizz tas-saħħa u dentali u tikkoordina ma konsulenti u speċjalisti oħra kemm tobba kif ukoll dentisti fil-kura komprensiva ta' dawn il-pazjenti.

5.3. Il-persuna nominata tista' tkun meħtieġa li tagħmel sezzjonijiet fiċ-Ċentri tas-Saħħa skond programmi approvati dwar kura fil-komunità u tista tkun meħtieġa li tagħti servizz f'xi estensjoni futura oħra ta' servizz tas-saħħa kif provdut taħt Skema Nazzjonali komprensiva tas-Saħħa.

5.4. Il-persuna nominata, flimkien ma' *Consultant Dental Surgeons*, tkun meħtieġa li tgħin liċ-*Chairman* tad-Dentistrija jikkoordina s-servizzi tad-Dentistrija, li torganizza proċessi ta' *quality assurance* u jista' jkollha żżomm *clinics* regolari fl-isptarijiet u l-*Primary Health Care* f'Malta u Għawdex.

5.5. Il-persuna nominata tkun responsabbli biex tassigura li l-livell ta' kompetenza tad-*dental surgeons* u *paraprofessionals* li tkun inkarigata minnhom fl-oqsma tad-dentistrija kollha fl-isptarijiet u l-*Primary Health Care*, jintlaħaq.

5.6. Il-persuna nominata tkun trid turi esperjenza avvanżata u ħila fl-ispeċjalitajiet ewlenija tad-dentistrija u tkun lesta li

rules governing from time to time the Malta Public Service and the Health Division. It involves liability to transfer according to the exigencies of the Malta Public Service.

3.2. The appointee will be required to work in accordance with an established roster which will include night duty. Additional remuneration will be paid at the approved rates for hours worked in excess of fourty (40) per week and for work performed on Sundays and Public Holidays.

3.3. The appointee will be entitled to such other benefits and subject to such other conditions and obligations as may be stipulated in any pertinent agreement between the Government and the competent Union.

4. The appointee will be allowed to undertake private practice of his/her profession provided that:

a) it is carried out strictly outside official hours of work; and

b) it does not interfere or conflict with his/her official duties or with the exigencies of the service.

5.1. The appointee will form part of the Department of Dentistry and will be directly accountable to the Chairman of Dentistry and consultants in the department. He/She will be expected to take part in the activities of the Department of Dentistry and to participate in its teaching and training programmes as required.

5.2. The appointee will be required to contribute to the care of patients referred from other medical and dental services and liaise with other medical and dental consultants and specialists in the comprehensive care of these patients.

5.3. The appointee may be required to hold clinics in the Health Centres in accordance with approved community care programmes and may also be required to provide service in any future extensions of the health service as provided under a comprehensive National Health Service.

5.4. The appointee will be required with Consultant Dental Surgeons to assist the Chairman of Dentistry in co-ordinating Dental Services, organise processes of quality assurance and may be required to hold regular clinics in the Hospitals and Primary Health Care in Malta and Gozo.

5.5. The appointee will be responsible for ensuring the required level of competence of dental surgeons and paraprofessionals working in his/her charge in all fields of dentistry in the hospitals and primary health care.

5.6. The appointee must demonstrate advanced experience and ability in the main dental specialities and be prepared to

taħdem f'*multidisciplinary teams* (*Oral Surgery, Paediatric Dentistry, Orthodontics, Gerodontology* u *Maxillo-facial surgery* eċċ.).

5.7. Il-persuna nominata tkun meħtieġa li tinvolvi ruħha f'riċerka dentali, taħriġ ta' impjegati u fi programmi ta' edukazzjoni kontinwa għal *clinicians* u *paraprofessionals* fil-livelli kollha fid-Dipartiment tad-Dentistrija.

5.8. Il-persuna nominata tkun trid iżżomm inventarju ta' informazzjoni dwar epidemjoloġija u servizz mogħti kif ukoll iżżomm *logbook* tal-pazjenti taħt il-kura personali tagħha li jkunu aċċessibbli għal min jiġi bżonn permezz taċ-*Chairman* tad-Dentistrija.

5.9. Il-persuna nominata tkun responsabbli għat-twettiq ta' programm kontinwu ta' taħriġ u edukazzjoni fl-ispeċjalità ta' l-għażla tagħha għall-kollegi kliniċi u *paraprofessionals* fil-livelli kollha li jagħtu sehem fil-kura tal-pazjenti taħt l-inkariga tagħha.

5.10. Il-persuna nominata tkun trid tagħmel użu mis-sistemi tat-Teknoloġija ta' l-Informatika li jkunu qed jintużaw fid-Diviżjoni tas-Saħħa.

6. L-applikanti għandhom:-

a) (i) ikunu ċittadini ta' Malta;

JEW

(ii) ċittadini ta' Stat ieħor Membru ta' l-Unjoni Ewropea;

JEW

(iii) ċittadini ta' pajjiżi oħra li għalihom japplikaw il-proviżjonijiet ta' l-UE dwar il-moviment ħieles tal-persuni (f'każ ta' diffikultà l-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin għandu jiġi kkonsultat dwar dawk il-pajjiżi li għalihom japplikaw id-disposizzjonijiet ta' l-UE);

JEW

(iv) il-konjugi ta', u tfal taħt il-21 sena ta' jew li jiddependu fuq, dawk il-persuni msemmija f'(i), (ii) u (iii) hawn fuq u li huma residenti f'Malta.

L-eliġibbilità tal-kandidati msemmija f'(ii), (iii) u (iv) hawn fuq hija suġġetta għall-kundizzjoni li jiksbu *work permit*.

(b) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-Lingwa Maltija u bil-Lingwa Ingliża;

(ċ) ikollhom Liċenza biex jipprattikaw il-Professjoni Dentali f'Malta;

work in multidisciplinary teams (Oral Surgery, Paediatric Dentistry, Orthodontics, Gerodontology and Maxillo-facial Surgery etc.).

5.7. The appointee will be required to demonstrate involvement in dental research, training of staff and programmes of continuing education for clinicians and paraprofessionals at all levels in the Department of Dentistry.

5.8. The appointee will be required to maintain an inventory of epidemiological and service data, and shall maintain a logbook of patients under his/her personal care accessible through the Chairman of Dentistry.

5.9. The appointee shall be responsible for the implementation of an ongoing (continuing) training and education programme in the speciality of his choice in respect to clinical colleagues and paraprofessionals at all levels contributing to the care of patients in his/her charge.

5.10. The appointee will be required to make use of the Information Technology systems which may be in operation within the Health Division

6. Applicants must:

a) (i) be citizens of Malta;

OR

(ii) citizens of another European Union Member State;

OR

(iii) citizens of other countries to which the EU provisions on free movement of persons apply (in case of difficulty the Ministry of Foreign Affairs is to be consulted regarding the countries to which EU provisions apply);

OR

(iv) the spouse of, and children under 21 years of age of or who depend on, any person who is mentioned at (i), (ii) and (iii) above and who resides in Malta.

The eligibility of candidates referred to at (ii), (iii) and (iv) above is subject to their obtaining a work permit.

(b) have the ability to communicate in the Maltese and English Languages;

(c) be in possession of a Licence to practise the Dental Profession in Malta;

(d) ikollhom kwalifika xierqa ta' wara l-gradwazzjoni u mill-anqas sitt snin prattika fil-professjoni dentali;

(e) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form* (GP 47); filwaqt li dawk li japplikaw minn barra s-Servizz iridu jippreżentaw ċertifikat riċenti tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew Awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' l-għeluq ta' din is-sejħa, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati mal-Gvern qabel u jagħtu d-dettalji).

7.1. Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skond Sezzjoni 7 ta' l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibbilità għall-post. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil minn-naħa tal-*Management and Personnel Office* u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

7.2. Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibbilità u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lid-Diviżjoni tas-Saħħa u tkun ikkupjata lill-KNPD.

8. Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji jridu jintbagħtu ma' l-applikazzjoni, dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

9.1. Bord ta' Għażla jintervista l-applikanti li jkunu eliġibbli biex jitqies min ikun addattat għall-post.

9.2. Oġġezzjonijiet għar-riżultat skond Sezzjoni 1.1.10 tal-*Public Service Management Code* għandhom jiġu sottomessi fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tar-riżultat.

10. Il-persuna magħżula tkun trid toqgħod għal eżami mediku biex jiġi aċċertat li hija adatta għal dan il-post.

11. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites*:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf
http://www.health.gov.mt/orms/forms.htm#employment

jew jinkisbu mid-Diviżjoni tas-Saħħa, Taqsima ta' l-Impjegati, 6, Sqaq Harper, Floriana.

(d) be in possession of an appropriate postgraduate qualification and have at least six years practice in the dental profession;

(e) be of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP47); Those applying from outside the service must produce a recent certificate of conduct issued by the Police or other competent Authority not earlier than six (6) months from the closing date of this call for applications and state whether they have ever been in Government Service giving details).

7.1. Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Section 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this post provided they can carry out, in essence, the duties related to the post and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

7.2. Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given by the applicant to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the Health Division and copied to the NCPD.

8. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with applications, originals to be produced for verification at the interview).

9.1. Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the post.

9.2. Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.10 of the Public Service Management Code should be submitted within ten (10) working days from the date of the result.

10. The selected applicant will be medically examined to ascertain that he/she is fit for the post.

11. Application forms may either be downloaded from the following websites:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf
http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm#employment

or obtained from the Health Division, Personnel Section, 6, Harper Lane, Floriana.

12. L-applikazzjonijiet flimkien ma' *curriculum vitae* u l-ismijiet ta' żewġ *referees* jintlaqgħu primarjament mid-Direttur Ġenerali, 15, Triq il-Merkanti, Valletta, sa mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, id-29 ta' Lulju 2005.

13. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew ta' xi messaġġ ieħor simili sad-data ta' l-għeluq jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant trid tasal għand id-Diviżjoni mhux aktar tard minn ġimgha wara d-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. In-numru tal-*fax* tad-Diviżjoni riċeventi hu +356-21242884.

14. Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal sad-Diviżjoni. Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu reġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data ta' l-għeluq. Id-Diviżjoni tas-Saħħa tibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

Il-5 ta' Lulju, 2005

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

**Postijiet ta' Kirurgu Dentali fid-Diviżjoni tas-Saħħa fil-Ministeru tas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità**

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet mingħand dentisti għall-postijiet ta' Kirurgu Dentali fid-Diviżjoni tas-Saħħa.

2.1 Il-post ta' Kirurgu Dentali għandu salarju ta' Lm6,211 fis-sena li jiżied b'Lm209 fis-sena sa massimu ta' Lm7,465 (Skala ta' Salarju Nru 8).

2.2 Kirurgi Dentali li jkollhom tmien snin prattika fid-dentistrija wara s-sentejn ta' *housemanship* jitilgħu fi Skala ta' Salarju Nru. 7, suġġett għal servizz sodisfaċenti u skond ir-regolamenti tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, bil-kundizzjoni li l-perjodu ta' tmien snin jitnaqqas għal ħames snin fil-każ ta' dentisti li jkollhom dwalifika ta' wara l-gradwazzjoni xierqa.

3.1. Il-ħatra, li tkun bi prova għal sena, hija *full-time* u taqa' taħt ir-regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta u fid-Diviżjoni tas-Saħħa. Il-persuna nominata tista' tiġi trasferita skond l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku ta' Malta.

3.2. Il-persuna nominata tkun meħtieġa li taħdem skond *roster* stabbilit li jinkludi *nigħt duty*. Sigħat ta' xogħol 'il fuq minn erbgħin (40) siegħa fil-ġimgħa u xogħol fil-Ħdud u btajjel pubbliċi jitħallsu b'remunerazzjoni addizzjonali skond ir-rati approvati.

12. The prescribed application forms together with a curriculum vitae and the names of two referees will be received in the first instance by the Director General at the Health Division, 15, Triq il-Merkanti, Valletta, by not later than noon of Friday, 29th July 2005.

13. Applications received from abroad through a fax or other similar message by the closing date may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the division by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The fax number of the receiving Division is +356 - 21242884.

14. Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Division and a receipt will be given in hand at the time of delivery. Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above dead line. The applications will be acknowledged in writing by the Division within seven days.

5th July, 2005

PUBLIC SERVICE COMMISSION

**Posts of Dental Surgeon in the Health Division within the Ministry of Health, the Elderly and Community Care**

The Public Service Commission invites applications from dentists for the posts of Dental Surgeon in the Health Division.

2.1 The post of Dental Surgeon carries a salary of Lm 6,211 per annum rising by annual increments of Lm209 up to a maximum of Lm7,465 (Salary Scale 8).

2.2 Dental Surgeons who complete eight years dental practice after the two years of housemanship shall be placed in Salary Scale 7, subject to satisfactory performance and to Public Service Commission regulations, provided that the qualifying period of eight years will be reduced to five years in the case of dentists who obtain an approved post-graduate qualification.

3.1. The appointment, which is subject to a probationary period of one year is on a full time basis and is subject to the rules governing from time to time the Malta Public Service and the Health Division. It involves liability to transfer according to the exigencies of the Malta Public Service.

3.2. The appointee will be required to work in accordance with an established roster which will include night duty. Additional remuneration will be paid at the approved rates for hours worked in excess of forty (40) per week and for work performed on Sundays and Public Holidays.

3.3. Il-persuna nominata tkun intitolata għall-benefiċċji l-oħra u tkun suġġetta għall-kundizzjonijiet u obbligi li huma mniżżlin fi kwalunkwe ftehim rilevanti li japplika bejn il-Gvern u l-*Union* kompetenti.

4. Il-persuna nominata titħalla teżerċita l-professjoni tagħha privatament kemm-il darba:

a) dan isir strettament barra mill-ħinijiet uffiċjali tax-xogħol tagħha; u

b) dan ma jfixkilx jew ma jmurx kontra d-dmirijiet uffiċjali tagħha jew l-esiġenzi tas-servizz.

5.1. Il-persuna nominata tkun meħtieġa li tagħmel xogħol fi kwalunkwe qasam tas-Servizzi Dentali tal-Gvern fl-isptarijiet u fil-komunità (inkluż is-servizzi dentali fl-iskejjel).

5.2. Il-persuna nominata tkun mistennija li tagħmel dijanjożi tal-kundizzjoni tal-ħalq u li tmexxi u tirreferi l-każijiet skond kif ikun xieraq.

5.3. Il-persuna nominata tkun meħtieġa li tmexxi u tordna x-xogħol li jkollhom jagħmlu l-*House Surgeons* (Dentistrija) u l-ħaddiema *paraprofessionals* tad-Dentistrija.

5.4. Il-persuna nominata tkun taqa' taħt l-uffiċjal superjuri immedjat tagħha fid-Dipartiment tad-Dentistrija dwar il-kura meħtieġa li tingħata lil kull pazjent skond ma jkun intitolat inklużi viżti regolari.

5.5. Il-persuna nominata tkun meħtieġa li tinvolvi ruħha f'*continuing education*.

5.6. Il-persuna nominata tkun meħtieġa li żżomm *log book* tal-pazjenti taħt il-kura tagħha.

5.7. Il-persuna nominata tkun trid tagħmel użu mis-sistemi tat-Teknoloġija ta' l-Informatika li jkunu qed jintużaw fid-Dipartiment tad-Dentistrija.

6. L-applikanti għandhom:-

(a) (i) ikunu ċittadini ta' Malta; jew
(ii) ċittadini ta' Stat ieħor Membru ta' l-Unjoni Ewropea; jew
(iii) ċittadini ta' pajjiżi oħra li għalihom japplikaw id-disposizzjonijiet ta' l-UE dwar il-moviment ħieles tal-persuni ; jew
(iv) il-konjugi ta', u tfal taħt il-21 sena ta' jew li jiddependu fuq, dawk il-persuni msemmija f' (i), (ii) u (iii) hawn fuq u li huma residenti f'Malta.

L-eliġibbilità tal-kandidati msemmija f' (ii), (iii) u (iv) hawn fuq hija suġġetta għall-kundizzjoni li jiksbu *work permit*.

3.3. The appointee will be entitled to such other benefits and subject to such other conditions and obligations as may be stipulated in any pertinent agreement between the Government and the competent Union.

4. The appointee will be allowed to undertake private practice of his/her profession provided that:

a) it is carried out strictly outside official hours of work; and

b) it does not interfere or conflict with his/her official duties or with the exigencies of the service.

5.1. The appointee will be required to work in any branch of the Government Dental Services in hospitals and community (including School Dental Services).

5.2. The appointee will be expected to diagnose condition of the oral cavity and to manage and refer as appropriate.

5.3. The appointee will be required to direct and prescribe work carried out by House Surgeons (Dentistry) and by dental paraprofessional staff.

5.4. The appointee will be accountable to his/her immediate superior in the Dental Department for carrying out the necessary care within the entitlement of each particular patient including regular reviews.

5.5. The appointee will be required to involve himself/herself in continuing education.

5.6. The appointee will be required to maintain a log book of patients in his/her personal care.

5.7. The appointee will be required to make use of the Information Technology systems that may be in operation in the Dental Department.

6. Applicants must:–

(a) (i) be citizens of Malta; or
(ii) citizens of another European Union Member State; or

(iii) citizens of other countries to which the EU provisions on free movement of persons apply ; or

(iv) the spouse of, and children under 21 years of age of or who depend on, any person who is mentioned at (i), (ii) and (iii) above and who resides in Malta.

The eligibility of candidates referred to at (ii), (iii) and (iv) above is subject to their obtaining a work permit.

(b) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-Lingwa Maltija u bil-Lingwa Ingliża;

(ċ) ikollhom Liċenza biex jipprattikaw il-Professjoni Dentali f'Malta;

(d) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-*Service and Leave Reċord Form* (GP 47); filwaqt li dawk li japplikaw minn barra s-Servizz iridu jippreżentaw ċertifikat riċenti tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew Awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' l-għeluq ta' din is-sejħa, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati mal-Gvern qabel u jagħtu d-dettalji).

7.1. Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skond l-Artikolu 7 ta' l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibbiltà għall-post. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil minn-naħa tal-*Management and Personnel Office* u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

7.2. Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibbiltà u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lid-Diviżjoni tas-Saħħa u tkun ikkupjata lill-KNPD.

8. Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji jridu jintbagħtu ma' l-applikazzjoni, dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

9.1. Bord ta' Għażla jintervista l-applikanti li jkunu eliġibbli biex jitqies min ikun adatt għall-post.

9.2. Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tippublika r-rizultat ta' l-intervisti. Ir-rizultat jigi esebit fuq in-*notice-board* ta' l-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u dik tad-Diviżjoni tas-Saħħa.

9.3. Avviż dwar il-ħruġ tar-riżultat jiġi ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern u jitniżżel ukoll mill-*website* tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku fuq http://www.psc.gov.mt. Joħroġ ukoll avviż fil-*media* lokali.

9.4. Oġġezzjonijiet għar-riżultat skond Sezzjoni 1.1.10

(b) have the ability to communicate in the Maltese and English Languages;

(c) in possession of a Licence to practise the Dental Profession in Malta;

(d) be of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP47); those applying from outside the service must produce a recent certificate of conduct issued by the Police or other competent Authority not earlier than six (6) months from the closing date of this call for applications and state whether they have ever been in Government Service giving details).

7.1. Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Section 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this post provided they can carry out, in essence, the duties related to the post and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

7.2. Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given by the applicant to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the Health Division and copied to the NCPD.

8. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with applications, originals to be produced for verification at the interview).

9.1. Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the post.

9.2. The result of the interviews will be published by the Public Service Commission and exhibited on the notice board of the Office of the Public Service Commission and that of the Health Division.

9.3. A notification of the issue of the result will be duly published in the Government Gazette and will also appear on the website of the PSC where it may be accessed at ttp://www.psc.gov.mt. A press notice will also be issued to all local media organisations.

9.4. Petitions objecting to the result in terms of Section

tal-*Public Service Management Code* għandhom jiġu sottomessi fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tal-pubblikazzjoni tal-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

10. L-applikanti magħzula jkunu iridu joqogħdu għal eżami mediku biex jiġi aċċertat li huma adatti għal dan il-post.

11. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites*:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/re/ruitmalti.pdf

http://www.mpo.gov.mt/downloads/re/ruitmalti.pdf

http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm#employment

jew jinkisbu mid-Diviżjoni tas-Saħħa, Taqsima ta' l-Impjegati, 6, Sqaq Harper, Floriana.

12. L-applikazzjonijiet jintlaqgħu primarjament mid-Direttur Ġenerali, Diviżjoni tas-Saħħa, 15, Triq il-Merkanti, Valletta, sa mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, 29 ta' Lulju, 2005.

13. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew ta' xi messaġġ ieħor simili sad-data ta' l-għeluq jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant trid tasal għand id-Diviżjoni mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. In-numru tal-*fax* tad-Diviżjoni riċeventi hu +356-21242884.

14. Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal sad-Diviżjoni. Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu reġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data ta' l-għeluq. Id-Diviżjoni tas-Saħħa tibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

F'każ ta' diffikultà il-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin għandu jiġi kkonsultat dwar dawk il-pajjiżi li għalihom japplikaw id-disposizzjonijiet ta' l-UE.

Il-5 ta' Lulju, 2005

MINISTERU TAS-SAĦĦA, L-ANZJANI U KURA FIL-KOMUNITÀ

**Ingaġġ ta' *Casual Substitute Medical Officers* b'Kuntratt Definit**

Is-Segretarju Permanenti, Ministeru tas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità, jilqa' applikazzjonijiet għall-ingaġġ ta' *Casual Substitute Medical Officers* b'kuntratt definit bejn tliet xhur u sena, li jista' jiġġedded kif u fejn ikun meħtieġ.

2. Is-salarju ta' *Casual Substitute Medical Officer* ikun

1.1.10 of the Public Service Management Code should be submitted within ten (10) working days from the date of publication of the notice in the Government Gazette.

10. The selected applicants will be medically examined to ascertain that they are fit for the post.

11. Application forms may either be downloaded from the following websites:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf

http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf

http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm#employment

or obtained from the Health Division, Personnel Section, 6, Harper Lane, Floriana.

12. The prescribed application forms will be received in the first instance by the Director General, Health Division, 15, Merchants Street, Valletta, by not later than noon of Friday, 29th July, 2005.

13. Applications received from abroad through a fax or other similar message by the closing date may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Division by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The fax number of the receiving Division is +356 - 21242884.

14. Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Division and a receipt will be given in hand at the time of delivery. Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above dead line. The applications will be acknowledged in writing by the Division within seven days.

In case of difficulty the Ministry of Foreign Affairs is to be consulted regarding the countries to which EU provisions apply.

5th July, 2005

MINISTRY OF HEALTH, THE ELDERLY AND COMMUNITY CARE

**Engagement of Casual Substitute Medical Officers on Definite Contract**

The Permanent Secretary, Ministry of Health, the Elderly and Community Care invites applications for the engagement of Casual Substitute Medical Officers on definite contract for a minimum period of three months and a maximum of one year, renewable as and where necessary.

2. The salary of a Casual Substitute Medical Officer will

bir-rata ta' Lm6,211 fis-sena, jiġifieri, il-minimu ta' l-iskala tas-salarju tal-grad ta' *Medical Officer*.

3. *Casual Substitute Medical Officers* jistgħu jaħdmu fuq bażi ta' *full-time* jew ta' *part-time* għal għoxrin (20) jew tletin (30) siegħa fil-ġimgħa u jitħallsu *pro-rata*. Jekk ma jkunux qed jaħdmu fuq bażi ta' *full-time*, japplikaw id-dispożizzjonijiet taċ-Ċirkolari 50/96 tal-MPO u Avviż Legali 61/96 dwar *vacation leave* jew *sick leave* bi ħlas jkunu japplikaw.

4. Persuna fil-grad ta' *Casual Substitute Medical Officer* tkun minflok impjegat li diġà qed jaħdem fuq bażi ta' *full-time* u li jkun fuq *leave* twil bi ħlas jew bla ħlas u meta l-imsemmi uffiċjal pubbliku jerġa' jidħol lura għax-xogħol, ikollha l-kuntratt tagħha terminat.

5. Il-kuntratt jista' jiġi terminat mis-Segretarju Permanenti jew mill-*Casual Substitute Medical Officer* f'kull żmien billi jingħata avviż bil-miktub xahar qabel jew billi titħallas is-somma ta' ġimgħatejn paga.

6. *Casual Substitute Medical Officers* ma jkunux eliġibbli biex japplikaw għas-sejħiet għall-applikazzjonijiet li jkunu miftuħin għall-impjegati tal-Gvern.

7. Persuna fil-grad ta' *Casual Substitute Medical Officer* titħalla teżerċita l-professjoni tagħha privatament kemm-il darba:

(a) dan isir strettament barra mill-ħinijiet uffiċjali tax-xogħol tagħha; u

(b) dan ma jfixkilx jew ma jmurx kontra d-dmirijiet uffiċjali tagħha jew l-esiġenzi tas-servizz.

8. Persuna fil-grad ta' *Casual Substitute Medical Officer* tkun meħtieġa li taħdem fid-Dipartiment tal-*Primary Health Care* u tkun taqa' direttament taħt is-*Senior Medical Officer* jew il-*Principal Medical Officer* inkarigat miċ-Ċentri tas-Saħħa u fl-aħħarnett taħt id-Direttur tal-*Primary Health Care*.

Id-dmirijiet tal-persuna fil-grad ta' *Casual Substitute Medical Officer* jinkludu li:

(a) tattendi għall-ħtiġiet tal-pazjenti li jmorru fiċ-Ċentri tas-Saħħa u fl-ispiżeriji tal-Gvern;

(b) iżżur lill-pazjenti f'darhom meta jkun meħtieġ;

(ċ) tara lill-pazjenti fil-kliniċi ta' l-ispeċjalisti fiċ-Ċentri tas-Saħħa;

(d) iżżomm *records* kliniċi bir-reqqa tal-pazjenti u ta' kull informazzjoni oħra mitluba mid-Diviżjoni;

be at the rate of Lm6,211 per annum, that is, the minimum of the salary scale of the grade of Medical Officer.

3. Casual Substitute Medical Officers may work on a full-time basis or on part-time basis for 20 or 30 hours per week and paid pro-rata. If not working full-time, the provisions of MPO Circular 50/96 and Legal Notice 61/96 regarding paid vacation or sick leave will apply.

4. A Casual Substitute Medical Officer will replace an already existing full-time employee on long paid or unpaid leave and when the said public officer returns to work the Casual Substitute Medical Officer will have his/her contract terminated.

5. The contract may be terminated by the Permanent Secretary or by the Casual Substitute Medical Officer at any time on one month's notice in writing or on payment of two weeks salary.

6. Casual Substitute Medical Officers will not be eligible to apply for internal calls for applications open to serving Government employees.

7. A Casual Substitute Medical Officer will be allowed to undertake private practice of his/her profession provided that:

(a) it is carried out strictly outside his/her official hours of work; and

(b) it does not interfere or conflict with his/her official duties or with the exigencies of the service.

8. A Casual Substitute Medical Officer will be required to work in the Department of Primary Health Care and will be directly accountable to the Senior Medical Officer or Principal Medical Officer in charge of the Health Centres and ultimately to the Director of Primary Health Care.

The duties of a casual substitute medical officer include:

(a) seeing to the needs of patients calling at the Health Centres and Government dispensaries;

(b) visiting patients in their home when a home visit is requested;

(c) seeing patients in specialist clinics within the Health Centres;

(d) keeping accurate clinical records on patients and recording any other information requested by the Division;

(e) tassigura l-użu xieraq tar-riżorsi u l-faċilitajiet li jkunu disponibbli għaliha;

(f) tieħu sehem regolarment fi programmi ta' żvilupp professjonali kontinwu;

(g) tagħmel xogħol ieħor li għandu x'jaqsam mal-*Primary Health Care* kif jinħtieġ;

(h) tagħmel użu mis-sistemi tat-Teknoloġija ta' l-Informatika li jkunu qed jintużaw fid-Diviżjoni tas-Saħħa.

9. Il-persuna fil-grad ta' *Casual Substitute Medical Officer* tkun meħtieġa li tuża t-trasport tagħha fuq xogħol uffiċjali fuq bażi ta' ħlas lura bir-rata approvata kull darba li tkun taħdem jew tintbagħat fuq qadi tas-Servizz ta' *General Practitioners,* ħlief fil-każ li tiġi eżentata minn dan l-obbligu għal raġunijiet validi mid-Direttur, *Primary Health Care*.

10. L-applikanti għandhom:

a) (i) ikunu ċittadini ta' Malta;

JEW

(ii) ċittadini ta' Stat ieħor Membru ta' l-Unjoni Ewropea;

JEW

(iii) ċittadini ta' pajjiżi oħra li għalihom japplikaw id-disposizzjonijiet ta' l-UE dwar il-moviment ħieles tal-persuni (f'każ ta' diffikulta l-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin għandu jiġi kkonsultat dwar dawk il-pajjiżi li għalihom japplikaw il-proviżjonijiet ta' L-UE);

JEW

(iv) il-konjugi ta', u tfal taħt il-21 sena ta' jew li jiddependu fuq, dawk il-persuni msemmija f'(i), (ii) u (iii) hawn fuq u li huma residenti f'Malta.

L-eliġibbilità tal-kandidati msemmija f'(ii), (iii) u (iv) hawn fuq hija suġġetta għall-kundizzjoni li jiksbu *work permit*.

b) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-Lingwa Maltija u bil-Lingwa Ingliża;

ċ) ikollhom Liċenza biex jipprattikaw il-Professjoni Medika f'Malta;

d) ikunu ta' karattru morali tajjeb (ċertifikat tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew Awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' l-għeluq ta' din is-sejħa ta' l-applikazzjonijiet għandu jinthemeż ma l-applikazzjoni).

(e) ensuring proper use of resources and facilities made available to him/her;

(f) participating regularly in programmes of continuing professional development;

(g) performing any other primary health care duties as required;

(h) making use of the Information Technology systems which may be in operation within the Health Division.

9. A Casual Substitute Medical Officer will be required to use his/her own transport on official business on a reimbursement basis at the approved rate whenever he/she is engaged or deployed in the General Practitioner service, unless for a good reason exempted by the Director, Primary Health Care.

10. Applicants must:

a) (i) be citizens of Malta;

OR

(ii) citizens of another European Union Member State;

OR

(iii) citizens of other countries to which the EU provisions on free movement of persons apply (in case of difficulty the Ministry of Foreign Affairs is to be consulted regarding the countries to which EU provisions apply);

OR

(iv) the spouse of, and children under 21 years of age of or who depend on, any person who is mentioned at (i), (ii) and (iii) above and who resides in Malta.

The eligibility of candidates referred to at (ii), (iii) and (iv) above is subject to their obtaining a work permit.

b) have the ability to communicate in the Maltese and English Languages;

c) be in possession of a Licence to practise the Medical Profession in Malta;

d) be of good moral character (a recent certificate of conduct issued by the Police or other competent Authority not earlier than six (6) months from the closing date of this call for applications should be provided).

11.1 Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skond l-Artikolu 7 ta' l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eġibilità għall-pożizzjoni. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-pożizzjoni fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil min-naħa tal-*Management and Personnel Office* u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

11.2 Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibbiltà u għaliex huma misthoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lid-Diviżjoni tas-Saħħa u tkun ikkupjata lill-KNPD.

12. Il-kwalifiki u l-esperjenza li persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji jridu jintbagħtu ma' l-applikazzjoni, dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

13. Bord ta' l-Għażla jintervista l-applikanti li jkunu eliġibbli biex jitqies min ikun adatt għall-post.

14.1. Il-Ministeru tas-Saħħa, Anzjani u Kura fil-Komunità jippublika r-riżultat ta' l-intervisti. Wieħed jista' jara r-riżultat fuq in-*notice-board* ta' l-istess Ministeru, 15, Triq il-Merkanti, Valletta.

14.2. Avviż dwar il-ħruġ tar-riżultat jiġi ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern u jitniżżel ukoll mill-*website* tal-Ministeru tas-Saħħa, Anzjani u Kura fil-Komunità:

http://www.health.gov.mt/ministry/results.htm. Joħroġ ukoll avviż fil-*media* lokali.

14.3. Oġġezzjonijiet għar-riżultat skond Sezzjoni 1.1.10 tal-*Public Service Management Code* għandhom jiġu sottomessi fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tal-publikazzjoni ta' l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

15. Applikanti li jgħaddu jkunu jridu joqogħdu għall-eżami mediku biex jiġi aċċertat li huma adatt għall-pożizzjoni.

16. L-ordni tal-meritu ma tibqax valida wara sentejn mid-data tal-pubblikazzjoni tar-riżultat ta' l-intervista.

17. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites*:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf

11.1. Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Section 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this position provided they can carry out, in essence, the duties related to the position and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

11.2. Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given by the applicant to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the Health Division and copied to the NCPD.

12. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with applications, originals to be produced for verification at the interview).

13. Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the post.

14.1. The result of the interviews will be published by the Ministry of Health, the Elderly and Community Care and exhibited on the notice board of the Office of the said Ministry, 15, Triq il-Merkanti, Valletta

14.2. A notification of the issue of the result will be duly published in the Government Gazette and will also appear on the website of the Ministry of Health, the Elderly and Community Care where it may be accessed at:
http://www.health.gov.mt/ministry/results.htm. A press notice will also be issued to all local media organisations.

14.3. Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.10 of the Public Service Management Code should be submitted within ten (10) working days from the date of publication of the notice in the Government Gazette.

15. Successful applicants will be medically examined to ascertain that they are fit for the position.

16. The validity of the order of merit obtained in the interview will expire after two years from the publication of the result.

17. Application forms may either be downloaded from the following websites:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf

http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf
http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm/employment
jew jinkisbu mid-Diviżjoni tas-Saħħa, Taqsima ta' l-Impjegati, 6, Sqaq Harper, Floriana.

18. L-applikazzjonijiet jintlaqgħu primarjament mid-Direttur Ġenerali, Diviżjoni tas-Saħħa, 15, Triq il-Merkanti, Valletta, sa mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, id-29 ta' Lulju 2005.

19. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew ta' xi messaġġ ieħor simili sad-data ta' l-għeluq jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant trid tasal għand id-Diviżjoni mhux aktar tard minn ġimgha wara d-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. In-numru tal-*fax* tad-Diviżjoni riċeventi hu +356-21242884.

20. Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal sad-Diviżjoni. Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu reġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data ta' l-għeluq. Id-Diviżjoni tas-Saħħa tibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

Il-5 ta' Lulju, 2005

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

**Postijiet ta' Spettur tas-Saħħa fid-Diviżjoni tas-Saħħa fil-Ministeru tas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità**

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet għall-postijiet ta' Spettur tas-Saħħa fid-Diviżjoni tas-Saħħa.

2.1. Il-post ta' Spettur tas-Saħħa għandu salarju ta' Lm4,889 fis-sena, li jiżdied b'Lm152 fis-sena sa massimu ta' Lm5,801 (Skala ta' Salarju 12). Persuna fil-grad ta' Spettur tas-Saħħa tiġi promossa għall-grad ta' Spettur tas-Saħħa Anzjan fi Skala Nru. 10 (Lm5,507 x 175 – Lm6,557) wara hames snin servizz fil-grad jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti.

2.2. Persuna fil-grad ta' Spettur tas-Saħħa li għandha xi *degree* rikonoxxuta fl-*Environmental Science* titqieghed fi Skala Nru. 10 b'seħħ mid-data tal-hatra tagħha jew mid-data ta' meta tingħata d-*degree*, skond liema data tiġi l-aħħar. Persuna fil-grad ta' Spettur tas-Saħħa gradwata tiżdied fis-salarju għal Skala Nru. 9 (Lm5,841 x 192 – Lm6,993) meta tagħlaq sentejn servizz fil-grad ta' Spettur tas-Saħħa gradwata. Persuna fil-grad ta' Spettur tas-Saħħa gradwata tiġi promossa

http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf
http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm/employment
or obtained from the Health Division, Personnel Section, 6, Harper Lane, Floriana.

18. The prescribed application forms will be received in the first instance by the Director General, Health Division, 15, Triq il-Merkanti, Valletta, by not later than noon of Friday 29th July 2005.

19. Applications received from abroad through a fax or other similar message by the closing date may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Division by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The fax number of the receiving Division is +356 - 21242884.

20. Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Division and a receipt will be given in hand at the time of delivery. Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above dead line. The applications will be acknowledged in writing by the Division within seven days.

5th July, 2005

PUBLIC SERVICE COMMISSION

**Posts of Health Inspector in the Health Division within the Ministry of Health, the Elderly and Community Care**

The Public Service Commission invites applications for the filling of posts of Health Inspector in the Health Division within the Ministry of Health, the Elderly and Community Care.

2.1. The post of Health Inspector carries a salary of Lm4,889 per annum, rising by annual increments of Lm152 up to a maximum of Lm5,801 (Salary Scale 12). A Health Inspector will be promoted to the grade of Senior Health Inspector in Scale No. 10 (Lm5,507 x 175 – Lm6,557) on completion of five years service in the grade, subject to satisfactory performance.

2.2. A Health Inspector in possession of recognised degree in Environmental Science will be placed in Salary Scale 10 with effect from his/her date of appointment or the conferment of his/her degree, whichever is the later. A graduate Health Inspector will progress to Scale No. 9 (Lm5,841 x 192 – Lm6,993) on completion of two years of service as graduate Health Inspector. A graduate Health Inspector will be promoted to Senior Health Inspector on completion of two

għall-grad ta' Spettur tas-Saħħa Anzjan wara sentejn servizz fil-grad ta' Spettur tas-Saħħa jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti.

2.3. Il-persuna nominata tkun intitolata għal xi benefiċċji oħra u tkun suġġetta għall-kundizzjonijiet u obbligi li jkunu mniżżlin fi kwalunkwe ftehim bejn il-Gvern u l-*Union* kompetenti.

3. Il-ħatra, li tkun bi prova għal sena, hija *full -ime* u taqa' taħt ir-regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta u fid-Diviżjoni tas-Saħħa. Il-persuna nominata tista' tiġi trasferita skond l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku ta' Malta.

4. Id-dmirijiet ta' persuna fil-grad ta' Spettur tas-Saħħa jinkludu:

a) qadi ta' dmirijiet relatati ma' saħħa jew ħwejjeġ sanitarji kif tkun imqabbda;

b) spezzjonijiet dwar xi ħmieġ, xi inkonvenjent relatata mas-saħħa jew xi ksur tal-liġi simili li jista' jolqot ħażin is-saħħa tal-pubbliku, imbagħad azzjoni ta' rimedju meħtieġa biex jitneħħa dan il-ħmieġ jew periklu għas-saħħa;

ċ) spezzjonijiet u rapporti fuq l-aspetti tas-saħħa ta' ambjent ġenerali inkluż is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol.

d) tagħmel użu mis-sistemi ta' Teknoloġija ta' l-Informatika li jkunu qed jintużaw mid-Diviżjoni tas-Saħħa.

Aktar dettalji dwar il-*job description* tal-post jistgħu jinkisbu mit-Taqsima ta' l-Impjegati, Diviżjoni tas-Saħħa, 6, Harper Lane, il-Furjana.

5. L-applikanti għandhom:-

a) ikunu ċittadini ta' Malta;

b) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-Lingwa Maltija u bil-Lingwa Ingliża;

ċ) ikollhom ċertifikat li juri li huma reġistrati bħala *Environmental Health Officer* mal-Kunsill għall-Professjonijiet Komplimentari għall-Mediċina (Malta);

d) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta għandhom jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form* (GP 47); dawk li japplikaw minn barra s-Servizz għandhom jippreżentaw ċertifikat riċenti tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew Awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' l-għeluq ta' din is-sejħa, kif ukoll jgħidu jekk qatt kinux jaħdmu mal-Gvern u jagħtu dettalji).

years service in the grade of Health Inspector, subject to satisfactory performance.

2.3. The appointee will be entitled to such other benefits and subject to such other conditions and obligations as may be stipulated in any pertinent agreement between the Government and the competent Union.

3. The appointment, which is subject to a probationary period of one year is on a full-time basis and is subject to the rules governing from time to time the Malta Public Service and the Health Division. It involves liability to transfer according to the exigencies of the Malta Public Service.

4. The duties of a Health Inspector include:

a) duties concerning health or sanitary matters as directed;

b) carrying out inspections in respect of any nuisance, health related annoyance or similar breach of the law, which might be injurious to the public's health and then taking such remedial action to remove this nuisance or health hazard;

c) inspecting and reporting on the health aspects of the general environment, including health and safety at place of work.

d) making use of the Information Technology systems which may be in operation within the Health Division

Further details of the job description of the post may be obtained from the Personnel Section, Health Division, 6, Harper Lane, Floriana.

5. Applicants must:-

a) be citizens of Malta;

b) have the ability to communicate in the Maltese and English Languages;

c) in possession of a certificate of registration as Environmental Health Officer with the Council for the Professions Complementary to Medicine (Malta);

d) be of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP47). Those applying from outside the service must produce a recent certificate of conduct issued by the Police or other competent Authority not earlier than six (6) months from the closing date of this call for applications and state whether they have ever been in Government Service giving details).

6.1. Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skond Artikolui 7 ta' l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibbilità għall-post. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil minnaħa tal-*Management and Personnel Office* u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

6.2. Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibbilità u għaliex huma misthoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi ndirizzata lid-Diviżjoni tas-Saħħa u tkun ikkupjata lill-KNPD.

7. Il-kwalifiki u l-esperjenza li persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji jridu jintbagħtu ma' l-applikazzjoni, dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

8.1. Bord ta' Għażla jintervista l-applikanti li jkunu eliġibbli biex jitqies min ikun adatt għall-post.

8.2. Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tippubblika r-riżultat ta' l-intervisti. Ir-riżultat jiġi esebit fuq in-*notice-board* ta' l-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u dik tad-Diviżjoni tas-Saħħa.

8.3. Avviż dwar il-ħruġ tar-riżultat jiġi ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern u jitniżżel ukoll mill-*website* tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku fuq http://www.psc.gov.mt. Johroġ ukoll avviż fil-*media* lokali.

8.4. Oġġezzjonijiet għar-riżultat skond Sezzjoni 1.1.10 tal-*Public Service Management Code* għandhom jiġu sottomessi fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tal-pubblikazzjoni ta' l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

9. Applikanti magħżula jkunu jridu joqogħdu għal eżami mediku biex jiġi aċċertat li huma adatti għal dan il-post.

10. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites*:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf
http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm/employment

jew jinkisbu mid-Diviżjoni tas-Saħħa, Taqsima ta' l-Impjegati, 6, Sqaq Harper, il-Furjana.

6.1. Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Section 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this post provided they can carry out, in essence, the duties related to the post and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

6.2. Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given by the applicant to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the Health Division and copied to the NCPD.

7. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with applications, originals to be produced for verification at the interview).

8.1. Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the post.

8.2. The result of the interviews will be published by the Public Service Commission and exhibited on the notice-board of the Office of the Public Service Commission and that of the Health Division.

8.3. A notification of the issue of the result will be duly published in the Government Gazette and will also appear on the website of the PSC where it may be accessed at http://www.psc.gov.mt. A press notice will also be issued to all local media organisations.

8.4. Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.10 of the Public Service Management Code should be submitted within ten (10) working days from the date of publication of the notice in the Government Gazette.

9. Applicants selected for appointment will be medically examined to ascertain that they are fit for the post.

10. Application forms may either be downloaded from the following websites:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf
http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm/employment

or obtained from the Health Division, Personnel Section, 6, Harper Lane, Floriana.

11. L-applikazzjonijiet jintlaqgħu primarjament mid-Direttur Ġenerali, Diviżjoni tas-Saħħa, 15, Triq il-Merkanti, Valletta sa mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, 29 ta' Lulju 2005.

12. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew ta' xi messaġġ ieħor simili sad-data ta' l-għeluq jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant trid tasal għand id-Diviżjoni mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. In-numru tal-*fax* tad-Diviżjoni riċeventi hu +356-21242884.

13. Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal sad-Diviżjoni. Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu reġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data ta' l-għeluq. Id-Diviżjoni tas-Saħħa tibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

Il-5 ta' Lulju, 2005

11. The prescribed application forms will be received in the first instance by the Director General, Health Division, 15, Triq il-Merkanti, Valletta, by not later than noon of Friday, 29th July 2005.

12. Applications received from abroad through a fax or other similar message by the closing date may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Division by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The fax number of the receiving Division is +356 - 21242884.

13. Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Division and a receipt will be given in hand at the time of delivery. Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above dead line. The applications will be acknowledged in writing by the Division within seven days.

5th July, 2005

EUROPEAN UNION

**Positions as Temporary Agents with EUROJUST**

**1. Receptionist/Security Support Officer**
**2. Case Management Analyst**
**3. Events Organiser**

The European Personnel Selection Office, EPSO, has published three vacancy notices in its Non-Permanent Posts Section at http://europa.eu.int/epso/temp-staff_en.htm on behalf of EUROJUST, for the recruitment of the following positions as Temporary Agents:

1. **Ref: 05/EJ/ 64 –** Receptionist/Security Support Officer (grade C*1)
   **Closing date 11 July 2005**
2. **Ref: 05/EJ/ 63 –** Case Management Analyst (grade A*5)
   **Closing date 11 July 2005**
3. **Ref: 05/EJ/ 65 –** Events Organiser (grade C*1)
   **Closing date 1 August 2005**

The **Receptionist/Security Support Officer** will be responsible for ensuring effective telephone and face to face communication between Eurojust and visitors/callers. The Receptionist will welcome all visitors to the Eurojust building and ensure that the visitor presents the correct security documents and contacts the correct post holder within Eurojust.

The **Case Management Analyst** will directly support the National Members and the College of Eurojust and will carry out analytical tasks in the area of serious and organised crime from a European Union perspective, including both the gathering and collation of data on specific and relevant operational activities as well as the analysis of legal issues related to case-work. In the handling of operational information he or she will work under the authority and supervision of National Members and the College.

The **Events Organiser** will directly report to the Head of Security, General Services and Events, and oversee the day to day management of all aspects of events, conferences and meetings for both the College and the Administration of Eurojust.

Eurojust is a European Union body established in 2002 to enhance the effectiveness of the competent authorities within Member States when they are dealing with serious cross-border and organised crime. Eurojust stimulates and improves the coordination of investigations and prosecutions and also supports the Member States in order to render their investigations and prosecutions more effective. Detailed information on Eurojust may be seen on the Eurojust website indicated below.

Interested persons are requested to **use the prescribed application form** provided by EUROJUST on its website at http://www.eurojust.eu.int, under "Recruitment/Application Forms", and follow the instructions there. Applicants are advised to read carefully the vacancy notice before submitting their application to ensure that they conform to all the requirements.

Further information on contractual conditions of employment, on duties and responsibilities, on qualifications and other eligibility requirements, and on method of application, may be found on the EUROJUST website or through the above EPSO website. The closing date for applications for the posts number 1 and number 2 is **11th July, 2005**. The closing date for applications for post number 3 is **1st August, 2005** Applications are to be sent by **registered post** to:

**EUROJUST**
**Recruitment Office**
**P.O. Box 16183**
**2500 BD The Hague**
**The Netherlands**

The reference number of the vacancy notice should be written on the cover of the application envelope.

Department of Policy and Planning,
Management and Personnel Office,
Office of the Prime Minister,
Valletta

5th July, 2005

KULLEĠĠ MALTI GĦALL-ARTI, XJENZA U TEKNOLOĠIJA

***Lecturing Staff***

Il-Kulleġġ Malti għall-Arti, Xjenza u Teknoloġijajilqa' applikazzjonijiet għal lecturing staff li jkunu kwalifikati u bl-esperjenza fl-oqsma li ġejjin:

Disinn tri-dimensjonali (Ċeramika)
Xjenzi Agrikoli
Xjenza Applikata
*Beauty Therapy*
*Business/Commerce*
*Care*
*Economics and Business Management*
Teknoloġija ta' l-elettriku
Elettronika
Disinn Grafiku
*Heating, Ventilation* u *Air-Conditioning*
Filosofija u Oqsma ta' l-Għerf
Xjenza ta' l-Isports
Xogħol ta' Mastrudaxxa

Dan jirrikjedi persunal għal-*lecturing* motivat ħafna li jkun jistinka biex jagħmel karriera tajba f'organizzazzjoni li qed

MALTA COLLEGE OF ARTS, SCIENCE AND TECHNOLOGY

**Lecturing Staff**

